# Il-Marsa - Santwarju ta' Qdusija

Raymond Montebello

Il-pożizzjoni ġeografika tal-Marsa bħala port bilfors li tul is-sekli ġibdet l-għajn ta' kull ħakkiem barrani li ħakem lil Malta biex jużaha għall-bżonnijiet tiegħu. Kull ħakma ħalliet traċċa ta' tifkira li maż-żmien ġiet miknusa bl-iskuża tal-progress. L-ikbar sfortuna li għandna l-Marsa bħala art watja u vasta hi li hija żona industrijali u arterja prinċipali, u b'hekk, minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, kull fdal mill-istorja li jitfaċċa f'wiċċ l-art jitgħatta mill-ewwel jew isir studju fuqu għal ftit u jerġa' jitgħatta kollox ħalli jibqa' għaddej ix-xogħol. Hija ħasra li tara dan isir meta mbagħad tara bliet u rħula oħra jagħmlu minn kollox biex igawdu dak li jkun instab, anki sa sempliċi xelter tal-aħħar Gwerra Dinjija. Minn żmien il-Bronż sal-aħħar ħakma f'Malta, fil-Marsa kienet teżisti tifkira imma llum dan insibuh biss miktub fl-istorja.

## Iċ-Ċimiterju tal-ilsiera Torok

Waqt li kien għaddej ix-xogħol tat-tħaffir għall-proġett ta' mina li minn triq Diċembru 13 tieħdok lejn il-Menqa u tibqa' sejra sa Xatt l-Għassara tal-Għeneb (Ix-Xatt ta' Pinto – *Valletta Waterfront*), il-ħaddiema sabu għadd ta' għadam uman. Minn stħarriġ li sar jirriżulta li s-sejba tal-għadam hija ta' lsiera Torok li kienu jgħixu fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Kien ċimiterju tat-Torok jew tal-Musulmani li nbena fi żmien il-Granmastru Nicole Cottoner fl-1675.

Sakemm ix-xogħol dam wieqaf sar studju dettaljat fuq il-post biex tiġi identifikata u analizzata s-sejba tant importanti għall-istorja ta' Malta. Għalkemm jissemma ħafna drabi li kien jeżisti dan iċ-ċimiterju, l-istorja ma tgħidilniex il-post eżatt fejn kien



***F'dan ir-ritratt tidher il-binja tal-kumpanija GO eżatt fejn kienet teżisti l-kamra bit-Tork fuqha u fejn biswitha nstab il-fdal ta' Ċimiterju Musulman fil-11 ta' Frar 2012.***



*It-tpinġija tal-kamra bit-Tork fuqha, impinġija mis-Sur Karmen Camenzuli fl-1930, mogħtija lilna mis-Sur Mikiel Saliba. Din il-kamra waqgħet fil-gwerra li għaddiet.*

jinsab, għalkemm dejjem ġie sostnut li kien xi mkien f'dawk l-inħawi fejn instab u ċerti episodji mill-istorja juruna dan. Oriġinarjament dan iċ-ċimiterju kien aktarx inbena ftit iktar 'il fuq minn fejn instab, jiġifieri, bejn wieħed u ieħor lejn it-tegħla ta' Spencer. Wara kien inħatt minħabba xi xogħol li l-Kavallieri kellhom jagħmlu minħabba għadd ta' trunċieri u fortifikazzjonijiet li jdawru lill-Furjana. F'ħafna episodji mill-istorja, dan is-sit taċ-ċimiterju tat-Torok insibuh dokumentat, speċjalment meta fl-1798, fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, il-Maltin bnew trunċiera biswitu min-naħa ta' Blata l-Bajda biex jilqgħu u jaqtgħu kull komunikazzjoni tal-Franċiżi min-naħa ta' Bieb il-Bombi. Dawn il-ftit evidenzi minn dokumenti tal-istorja jagħtuna x'nifmhu li f'din iż-żona kien jeżisti lok ta' midfen Musulman.

Meta ġie Napuljun Buonaparti f'Malta, mal-miġja tal-Franċiżi, u kien waqqaf l-iskjavitù, dan iċ-ċimiterju kien baqa' jintuża,sakemm lejn nofs is-Seklu 19 l-Ammiraljat Brittaniku ried jiżviluppa l-ġewwieni tal-menqa għall-kenn tad-dgħajjes u l-imriekeb u b'hekk ġie midfun dan il-midfen mal-mixja tal-progress. Bi ftehim bejn il-Gvern Brittaniku ta' Malta u l-Awtoritajiet Torok ġiet irranġata din is-sitwazzjoni għax fl-1874 iċ-ċimiterju ġie trasferit f'parti oħra tal-Marsa viċin ħafna fejn illum jinsab iċ-ċimiterju tat-Torok. L-ikbar evidenza li dan is-sit kien ċimiterju jidher mill-fatt li l-għadam uman li nstab s'issa kien tpoġġa b'qima kbira, b'formalità liema bħala, kif suppost u b'direzzjoni lejn il-Lvant, skont id-drawwa Musulmana, dik li jħarsu lejn il-Belt ta' Mekka.

Bosta tradizzjonijiet jgħidu li dan il-midfen seta' eżista waqt l-Assedju l-Kbir tal-1565 fejn it-Torok li mietu fil-battalja setgħu indifnu hemm peress li kienu kkampjati fil-viċinanzi tal-Marsa. Dan il-ħsieb naħsbu li jmur lil hinn mill-verità għax, kif stqarru u jsostnu l-arkeoloġisti li qegħdin jistudjaw is-sit, il-pożizzjoni u l-formalità tas-sejba kif instabet jagħmilha diffiċli biex taċċetta l-fatt li kien minn żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 f'kamp ta' battalja, u li







tagħmel midfen b'ċerta dedikazzjoni żgur ma kellekx iż-żmien tagħmlu. Skont l-istoriku u kittieb, il-Professur Godfrey Wettinger, ma' dan is-sit bħala ċimiterju kienet teżisti xi moskea iżda l-Ingliżi waqqgħu kollox xi 200 sena ilu, kif diġà għedna. Kif konna qegħdin ngħidu dawn l-inħawi tal-port ġew mittiefsa kemm-il darba minħabba xogħol kontinwu li jsir matul iż-żmien u skont iċ-ċirkostanzi tal-pajjiż. Skont inċiżjoni li kien pinġa s-Sur Karmenu Camenzuli li saret fl-1930 xi 80 sena ilu u li ġiet murija lilna mis-Sur Michael Saliba, turina li fejn instab dan iċ-ċimiterju, fejn illum hemm il-binja tal-kumpanija Go, kienet teżisti kmajra li fuqha jidher Tork qiegħed iżomm ximitarra (sejf Tork) li skont it-tradizzjoni aktarx kienet kmajra fejn kienu jaħslu l-katavri qabel jindifnu. Min jaf kienx jagħmel parti mill-istess ċimiterju ta' dak iż-żmien?

B'dawn is-sejbiet li nstabu u li qegħdin inkomplu nsibu, jidher kemm il-Marsa hija antika u sinjura fl-istorja ta' pajjiżna. Hu fl-interess tagħna l-Marsin li dawn is-sejbiet li qegħdin jinstabu nuru interess fihom u kemm jista' jkun nikkultivawhom biex 'il quddiem igawduhom ta' warajna.